



Trażmissjoni bi “streaming” tas-seduti għat-trattazzjonijiet orali, tal-għoti ta' sentenzi u ta' konklużjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

Sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess tal-pubbliku għall-attività ġudizzjarja tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ser toffri sistema ta' streaming mis-26 ta' April.

L-għoti tas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-konklużjonijiet tal-Avukati Ġenerali ser jiġu trażmessi **b'mod dirett** fis-sit internet tagħha. It-trażmissjoni, li f'dan l-istadju tikkonċerna biss l-kawżi assenjati lill-Awla Manja, ser tiġi attivata hekk kif jibdew is-seduti, skont l-iskeda prevista fil-[kalendariju ġudizzjarju](#).

Is-seduti għat-trattazzjonijiet orali tal-kawżi assenjati lill-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja, bħala prinċipju, ser jiġu wkoll ritrażmessi **b'mod differit** matul fażi sperimentali ta' 6 xhur. Is-seduti jkunu disponibbli, skont il-każ, fl-istess jum mis-14.30 (għas-seduti li jsiru filgħodu) jew l-għada mid-9.30 (għas-seduti li jkomplu wara nofsinhar), iżda ma jkunux jistgħu jiġu kkonsultati iktar tard.

It-trażmissjonijiet huma maħsuba li jippermettu liċ-ċittadini jsegwu s-seduti fl-istess kundizzjonijiet bħallikieku jkunu fiżikament preżenti. Għalhekk ser jibbenefikaw minn interpretazzjoni simultanja tat-trattazzjoni fil-lingwi meħtieġa għal żvolġiment tajjeb tas-seduta.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355